

**Motivi u argumenti prinċipali**

Ir-Renju ta' Spanja ma adottax, fit-terminu previst, il-miżuri neċessarji sabiex jimplementa d-Deċiżjoni 1999/509/KE fir-rigward ta' Industrias Domésticas, S.A. (Indosa)

**Rikors ippreżentat fit-18 ta' Diċembru 2009 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika Portugiża**

(Kawża C-531/09)

(2010/C 51/35)

*Lingwa tal-kawża: il-Portugiż***Partijiet**

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: N. Yerrell u M. Teles Romão, aġenti)

*Konvenuta:* Ir-Repubblika Portugiża

**Talbiet**

— tiddikjara li, billi ma implementatx il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex tikkonforma ruħha mad-Direttiva 2006/38/KE<sup>(1)</sup> tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-17 ta' Mejju 2006, li temenda d-Direttiva 1999/62/KE dwar il-ħlas li jrid isir minn vetturi ta' merkanzija tqila għall-użu ta' ċerti infrastrutturi u, fi kwalunkwe każ, billi ma kkomunikathomx lill-Kummissjoni, ir-Repubblika Portugiża naqset milli twettaq l-obbligi tagħha skont din id-direttiva.

— tikkundanna lir-Repubblika Portugiża għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

It-terminu għat-traspożizzjoni tad-Direttiva skada fl-10 ta' Ġunju 2008.

<sup>(1)</sup> ĠU L 157, p. 8

**Appell ippreżentat fit-18 ta' Diċembru 2009 minn Vladimir Ivanov mid-digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza (It-Tielet Awla) mogħti fit-30 ta' Settembru 2009 fil-Kawża T-166/08, Ivanov vs Il-Kummissjoni**

(Kawża C-532/09 P)

(2010/C 51/36)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet**

*Appellant:* Vladimir Ivanov (rappreżentant: F. Rollinger, avukat)

*Appellata:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

— tiddikjara l-appell ammissibbli;

— tiddikjara l-appell bħala fondat;

— tannulla d-digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-30 ta' Settembru 2009;

— taqta' u tiddeċiedi skont ir-rikors promotur;

— tikkundanna lill-appellata għall-ispejjeż taż-żewġ istanzi.

**Aggravji u argumenti prinċipali**

L-appellant jinvoka tliet aggravji insostenn tal-appell tiegħu.

Permezz tal-ewwel aggravju tiegħu, li huwa magħmul minn żewġ partijiet, huwa jsostni li l-Qorti tal-Prim'Istanza ma kell-hiex applika r-riżerva ta' abbuż tal-proċedura sabiex timmotiva l-inammissibbiltà tar-rikors tiegħu għal responsabbiltà mhux kuntrattwali peress li l-kamp ta' applikazzjoni limitat ħafna ta' din ir-riżerva jikkonċerna biss il-każijiet eċċezzjonali fejn ir-rikors għad-danni huwa intiż għall-ksib tal-ħlas ta' somma identika għal dik li r-rikorrent kien jikseb f'każ li kien jirnexxi r-rikors għal annullament. Issa, f'dan il-każ, ir-rikors għad-danni ppreżentat mill-appellant huwa totalment awtonomu, peress li dan tal-aħħar jixtieq jara li tiġi applikata r-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Kummissjoni għall-aġir adottat fil-konfronti tiegħu, u mhux li jikseb sitwazzjoni finanzjarja identika għal dik li kien jikseb fil-każ tal-annullament tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni.